MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 95/8

**Il-Gimgha 7 ta` Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Vici Sindku
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

095.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

095.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

095.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

095.4 Jum il-Gudja 2023 u attivitajiet oħra;

095.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

095.6 Rapporti;

095.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

095.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

095.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u ghoxrin ta` filghaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 095.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apoloġija ghax kulhadd kien preżenti.

### 095.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 94/08 nem con.

**095.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

095.3.1 Gie moqri r-rapport tal-Contracts Manager ghax-xahar ta` Gunju 2023. Is-Sindku ghamlet referenza ghas-servizz tal-open skip. Il-Kunsillier G Fenech propona sabiex tizdied gurnata ohra servizz tal-skart goff. Il-Kunsillier S Caruana propona li l-ewwel tlett sibtijiet jigi offrut is-servizz tal-open skip u l-ahhar zewg sibtijiet isir is-servizz tal-bulky. Wara diskussjoni gie deciz li s-servizz tal-bulky isir is-Sibt darba fix-xahar flok l-open skip.

095.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jahdem fuq s-sejha tal-offerti ghax-xoghlijiet fil-latrini pubblici ta` Gnien Raymond Caruana.

095.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li saret mall-perit u Direttur Generali habba l-progett ta` Gnien Raymond Caruana. Is-Sindku spjegat li matul il-laqgha li saret gew diskussi x-xoghlijiet kollha li hemm bzonn isiru fosthom installazzjoni ta` cctv, dwal godda, pavimentar gdid fost ohrajn.

17:50hr Il-Vici Sindku M Micallef talbet sabiex tigi skuzata.

095.3.4 Waqt diskussjoni fuq Triq il-Kbira, il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk prezenti li kien ghad hemm min qed jabbuza u jidhol one way minn din it-triq specjalment fil-hinijiet ta` filghodu.

095.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbaghtet mill-kumpanija Green Pak dwar installazzjoni ta` cctv`s fejn l-ibins. Is-Sindku talbet sabiex isir monitoring tal-area tal-Housing Estate.

095.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghall-gita ta` Sqallija kienu nkitbu madwar 27 persuna. Id-data tal-gheluq hija l-14 ta` Lulju 2023.

Is-Sindku talbet sabiex jigi diskuss item 95.5 tal-Agenda.

095.3.7 Il-Kunsillier S Caruana nforma lil dawk prezenti li l-pellican lights ta` Dawret il-Gudja qed jaqilbu wahdihom u qed joholqu inkonvenjent lis-sewwieqa.

095.3.8 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet tigi ffisata laqgha mall-kuntrattur tal-knis sabiex jigu dikussi n-nuqqasijiet li qed ikun hemm f`dan is-servizz.

18:50hr il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

094.3.9 Is-Sindku prezentat korrispondenza dwar il-bzonn ta` linji ta` traffiku fi Triq Hal-Resqun, fejn saru x-xoghlijiet. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet ser tinforma lill-IM.

095.3.10 Is-Sindku prezentat talba ghall-bbq fil-Gnien Raymond Caruana nhar l-4 ta` Awwissu mill-Kumitat tal-Partit Laburista. Din it-talba giet milqugha u jinhareg il-permess wara li ma jkun hemm ogezzjoni mill-pulizija u li jithalla l-post nadif.

095.3.11 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun Nofsinhar dwar fond ta` 700Eur ghal Kunsilli Lokali u ghaqdiet lokali relatati mas-spejjez ta` infurzar lokali.

095.3.12 Giet prezentata korrispondenza li ntbaghtet minghand persuna li qed taghmel l-istudju taghha fuq turizmu u talbet ghal ghajnuna biex ninfurmawha persuna li tista` itieha l-informazzjoni li ghandha bzonn fuq il-Gudja. Il-Kunsillier G Fenech propona lis-Sur Bertram Portelli.

095.3.13 Giet prezentata korrispondenza li waslet minghand il-Malta Aviation Society sabiex jtellu bbq fl-area ta` Loreto nhar id-19 ta` Awwissu 2023.

095.3.14 Giet prezentata korrispondenza dwar il-Blue Heart Campaign li ser isir fl-10 ta` Lulju 2023, fejn il-Kunsill ser ikun qed jixghel il-binja tal-Kunsill bil-kulur blu.

095.3.15 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-arblu tac-central strip ta` Vjal it-Torri, fejn il-Kunsill qabel sabiex ix-xoghlijiet isiru taht ir-responsabilita tal-perit tal-ghaqdiet u tintbghat stima qabel.

095.3.16 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-fond ta` ghajnuna li jinghata lill-ghaqdiet tal-festi ghal matul il-festa ta` Santa Marija. Il-membri tal-Kunsill qabblu li tinghatlhom is-somma ta` 500Eur kull ghaqda.

095.3.17 Is-Sindku ghamlet referenza ghad-disinn tas-slaleb li l-Kunsill kien qed jistenna minn naha tal-ghaqdiet, fejn sfortunatament mhux kull ghaqda baghtet din l-informazzjoni.

095.3.18 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat mir-Restoration Unit li kienu ser jibdew xi xoghlijiet ta` restawr fl-istatwa tal-Qalb ta` Gesu.

095.3.19 Is-Sindku ghamlet referenza ghal Mizura 4.3 dwar xoghlijiet infrastrutturali f`toroq rurali fil-Gudja, fejn infurmat lil dawk prezenti li data tal-gheluq ta` tenders kienet illum u li kien hemm zewg offerti ghal dawn ix-xoghlijiet. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li l-bord tal-aggudikazzjoni ikun compost mill-Perit William Lewis, l-Accountant Michael Debono u s-Sur Chris Falzon.

095.3.20 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jaghmel talba ma` TM sabiex darba fil-gimgha tinghalaq il-pjazza tal-Gudja ghal karozzi ghal madwar tlett sighat filghodu. Is-Sindku ziedet tghid li transport pubbliku jghaddi bhal ma jsir fil-festi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

095.3.21 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li habba l-progett ta` fejn il-Palazz, qed tiproponi li tohrog

expression of interest biex il-Kunsill ikollu ideja bhala prezzijiet li hawn fis-suq.

**095.4 Jum il-Gudja 2023 u attivitajiet oħra;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-bord tal-ghazla indipendenti kien ntaqa u ghamel l-ghazla tieghu bejn iz-zewg nominazzjonijiet li rcieva l-Kunsill. Is-Sindku talbet sabiex il-laqgha tigi fi stadju ta` kumitat sabiex tigi diskussa liema nomina giet maghzula ghal Gieh il-Gudja.

Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu unanimament mall-ghazliet tal-bord.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinghataw ir-rikonoxximenti lil diversi ghaqdiet u persuni kif diga kien gie maqbul fl-ahhar laqghat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier G Fenech propona sabiex il-Kunsill jistieden ukoll lil dawk l-irhula li wkoll hargu mill-Gudja avolja mhumiex fl-istess Regjun. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

Is-Sindku proponiet ukoll li jinghata Gieh Onorarju lil mibki s-Sur John Mary Calleja ghal hidma tieghu fil-lokalita bhala Sindku u Vici Sindku f`dawn l-ahhar snin. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk kollha prezenti.

Is-Sindku talbet lis-Sur Stefan Caruana sabiex jiehu hsieb li l-bnadar tal-Gudja jitellghu l-Erbgha 12 ta` Lulju.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-istima ta` sound li ghandha bzonn il-band li ser tiehu sehem ghal waqt l-attivita ta` Jum il-Gudja, fejna din giet approvata minn dawk prezenti.

**095.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

095.5.1 Il-Kunsillier A Amri Brincat talbet sabiex il-Kunsill jara hux possibli li jsir resurfacing ta` Triq ta` Torba. Is-Sindku nfurmat lis-Sinjura Brincat li l-Kunsill kien inkluda din it-triq fil-Mizura 4.3 biex igib fondi tal-EU biex tkun tista ssir imma sfortunatment din ma gietx accettata.

095.5.2 Il-Kunsillier G Fenech ghamel referenza dwar laqgha li kellha ssir ma` IM habba l-progett taz-zona tal-barrani.

095.5.3 Il-Kunsillier G Fench ghamel referenza ghal korrispondenza li ntbghatet mill-Arcipriet dwar l-ispejjez li saru fil-kuncert tal-Milied. Is-Sur Fenech propona li jintbghat breakdown idettaljar tal-ispejjez li saru.

095.5.4 Il-Kunsillier G Fenech ghamel referenza ghall-PA permit li hemm fi Triq San Pawl. Is-Sur Fenech talab sabiex il-Kunsill jiccekja mall-perit dwar din l-applikazzjoni.

095.6 Rapporti;

Ma kienx hemm.

095.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
d. **Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
e. **Proġett tal-Pjazza – progress**
f. **Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

referenza ghall-item 95.3.3

**095.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 51/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillera A Amri Brincat ssekondata mill-Kunsillier G Fenech għall-ammont totali ta' €45,346.28 u ġiet approvata nem con.

095.9 Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 1 ta` Awwissu 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 1 ta Awwissu 2023

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv